



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 13 ta' Ġunju 2014
(OR. en)**

10985/14

**Fajl Interistituzzjonali:
2014/0179 (NLE)**

**EEE 49
AGRILEG 132
ENV 623**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Ġunju 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 351 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE li jikkonċerna emenda għall-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2014) 351 final.

Mehmuż: COM(2014) 351 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2014
COM(2014) 351 final

2014/0179 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jikkonċerna emenda għall-Anness II tal-Ftehim taż-
ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġeneità meħtieġa tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni kollha rilevanti tal-UE fil-Ftehim ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tiegħu.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Anness II għall-Ftehim taż-ŻEE sabiex jinkorpora li ġej fil-Ftehim ŻEE.

B'mod aktar konkret, ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati kif ukoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 547/2011 tat-8 ta' Ġunju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ir-rekwiżiti ta' tikkettjar tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 iħassar id-Direttiva 91/414/KEE. Madankollu, lista ta' sustanzi attivi approvata skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE għandhom jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva japplikaw ukoll għall-approvazzjoni ta' sustanzi attivi elenkati fil-parti B tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 540/2011 li ġew approvati skont il-miżuri ta' tranżizzjoni.

L-Istati tal-EFTA jikkunsidraw il-ħtieġa li jibqgħu jużaw id-dritt li jillimitaw l-aċċess għas-swieq tagħhom ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li fihom sustanzi attivi approvati bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE jew il-miżuri tranżitorji fl-Artikolu 80 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009

Konsegwentement, it-testi ta' adattament għar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u r-Regolament (UE) Nru 540/2011 huma meħtieġa.

L-Istati tal-EFTA, bl-eċċezzjoni tal-Liechtenstein, jistgħu jkunu "l-Istat Membru relatur" u "korelatur".

Il-Liechtenstein huwa eżentat mill-obbligu li jsir l-Istat Membru relatur potenzjali abbażi tad-daqs ġeografiku tiegħu u l-kapaċitajiet amministrattivi u tal-laboratorju neċessarji biex iwettaq l-eżami u x-xogħlijiet ta' valutazzjoni kontra d-domanda mistennija u l-benefiċċju. Għandu wkoll jiġi nnutat li l-Artikolu 49 ma għandux japplika għal-Liechtenstein.

L-Artikolu 18(f) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 relatat mal-Programm ta' Ħidma.

L-allokazzjoni tal-evalwazzjoni ta' sustanzi attivi, imsemmija fl-Artikolu msemmi hawn fuq, għandha tkun soġġetta għal kunsens tal-Istat tal-EFTA kkonċernat. Għalhekk l-abbozz tal-JCD jemenda l-Artikolu 18 li jiċċara tali pożizzjoni.

Fuq l-Artikoli 37(4), 42(2) u 47(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar il-perjodu għall-eżami, proċedura u l-każ speċifiku ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx, adattament f'termini ta' limiti ta' żmien huwa meħtieġ.

Il-perjodu mogħti ta' 120 jum għal Stat Membru biex jagħmel deċiżjoni nazzjonali dwar l-aċċettazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti wara li jirċievi l-valutazzjoni tal-Istat Membru li qed jeżamina għandu, għall-Istati tal-EFTA, l-iktar kmieni possibbli, jibda mid-data meta l-att ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi li jinsabu fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti / prodott għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx huwa inkorporat fil-Ftehim preżenti.

Minħabba dewmien fil-ftehim taż-ŻEE ta' proċedura għat-teħid tad-deċiżjonijiet, hemm każijiet fejn is-sustanza attiva ma ġietx approvata fl-Istati tal-EFTA. Għalhekk, iż-żmien għandu jibda jgħodd ladarba s-sustanza hija inkorporata fil-Ftehim taż-ŻEE.

L-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom organiżmu ġenetikament modifikat għandu jkun fih dispożizzjoni addizzjonali.

Meta prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih organiżmu ġenetikament modifikat ikun ġie awtorizzat kif suppost skont dan ir-Regolament, Stat tal-EFTA ma jistax jipprojbixxi, jirrestrinġi jew ifixkel it-tqegħid fis-suq ta' dan il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Dan huwa mingħajr preġudizzju għal proċeduri ta' salvagwardja f'każ ta' riskju lis-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent fid-Direttiva 2001/18/KE.

Huwa meħtieġ perjodu tranżitorju għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma approvati skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali fl-Istati tal-EFTA.

L-Anness I - Definizzjoni taż-żoni għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif imsemmija fl-Artikolu 3(17)

L-Islanda, in-Norveġja u l-Liechtenstein għandhom jiġu inklużi bħala parti taż-żoni rispettivi. Għalhekk l-Anness I għandu jiġi emendat li jżid l-Islanda u n-Norveġja bħala parti miż-Żona A — It-Tramuntana. Il-Liechtenstein bħala parti miż-Żona B — iċ-Ċentru.

Huwa wkoll meħtieġ li jiżdiedu frażijiet standard bin-Norveġiż u bl-Islandiż għal-listi fl-Annessi korrispondenti tar-Regolament (UE) Nru 547/2011.

L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim taż-ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni dwar Deċiżjonijiet bħal dawn, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE għall-adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li jikkonċerna emenda għall-Anness II tal-Ftehim taż-
ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43(2), 114(1), u 168(4)(b), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea² ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, inter alia, l-Anness II għall-Ftehim ŻEE.
- (3) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi dwar regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6

² ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 153, 11.6.2011, p.1.

- (6) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 541/2011 tal-1 ta' Ġunju 2011 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 544/2011 tal-10 ta' Ġunju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 545/2011 tal-10 ta' Ġunju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 546/2011 tal-10 ta' Ġunju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 547/2011 tat-8 ta' Ġunju 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (11) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2013 tal-1 ta' Marzu 2013 li jistipula r-rekwiżiti tad-dejta għas-sustanzi attivi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.

⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 541/2011 tal-1 ta' Ġunju 2011 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista tas-sustanzi attivi approvati Test b'relevanza għaż-ŻEE (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 187).

⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 544/2011 tal-10 ta' Ġunju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tad-dejta għas-sustanzi attivi (ĠU L 155, 11.6.2011, p. 1).

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 545/2011 tal-10 ta' Ġunju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ir-rekwiżiti tad-dejta dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti (ĠU L 155, 11.6.2011, p. 67.)

⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 546/2011 tal-10 ta' Ġunju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prinċipji uniformi għall-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 155, 11.6.2011, p. 127).

⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 547/2011 tat-8 ta' Ġunju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti ta' tikkettjar tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 155, 11.6.2011, p. 176).

¹⁰ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 252, 19.9.2012, p. 26).

¹¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2013 tal-1 ta' Marzu 2013 li jistipula r-rekwiżiti tad-dejta għas-sustanzi attivi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-

- (13) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 284/2013 tat-1 ta' Marzu 2013 li jistipula r-rekwiżiti tad-dejta għall-prodotti tal-ħarsien tal-pjanti skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE.
- (14) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 iħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE¹³ u 91/414/EEC¹⁴, li huma inkorporati fil-Ftehim taż-ŻEE u li konsegwentement għandhom jiġihassru skont il-Ftehim taż-ŻEE.
- (15) Ir-Regolament (UE) Nru 283/2013 iħassar ir-Regolament (UE) Nru 544/2011 li huwa inkorporat fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandu jiġihassru skont il-Ftehim taż-ŻEE.
- (16) Ir-Regolament (UE) Nru 284/2013 jħassar ir-Regolament (UE) Nru 545/2011 li huwa inkorporat fil-Ftehim taż-ŻEE u li konsegwentement għandu jiġihassru skont il-Ftehim taż-ŻEE.
- (17) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif meħtieġ.
- (18) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni li jinsab mehmuż.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (OJ L 93, 3.4.2013, p. 1).

¹² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 284/2013 tal-1 ta' Marzu 2013 li jistipula r-rekwiżiti tad-dejta għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (OJ L 93, 3.4.2013, p. 85).

¹³ Id-Direttiva tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1978 li tiprojbixxi it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom ċerti sustanzi attivi (79/117/KEE) (ĠU L 33, 8.2.1979, p. 36.)

¹⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (91/414/KEE) (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*